MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 120/2012

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi huwa żżewweġ lill-intimata CB nee’ X fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija u sitta u disghin (1996), u dan skond certifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dokument ‘A’.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri tal-hmistax (15) ta’ Dicembru tas-

sena elfejn u tlieta (2003), kopja ta' liema kuntratt hija annessa u mmarkata Dokument 'B';

Illi l-manteniment dovut ai termini tal-kuntratt surriferit kif emendat permezz ta' kuntratt addizzjonali in atti tan-Nutar Dr. Liza Camilleri tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) [kopja ta' liema kuntratt hija annessa u mmarkata Dokument 'C'] ghal minuri MB u pagabbli lill-intimata CB nee Attard, dejjem ġie onorat mill-esponenti u dan anke skond kif jirriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D';

Illi ghalhekk jirrizulta illi fid-data li fih qieghed jigi ntavolat dan ir-rikors ikunu għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni tal-partijiet;

Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma Josianne Vella nee Attard u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Dicembru, 2003;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti ipprova illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut lill-intimata ghal ibnu minuri MB;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------